MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' April, 2006

Talba Numru. 1870/2004

**Darren Farrugia**
**Vs**
**Albert Sammut**

Numru
Talba Numru 1870/2004

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' mitejn u hdax il-lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm211.32) rapprezentanti bilanc mill-prezz ta' xoghol u installazjoni ta' ilma u dawl fil-fond Victor 78 Triq it-Tin Hal-Qormi liema xoghol sar fuq inkarigu tal-konvenut, b'l-imghaxx u l-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha qal li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti; li huwa gia hallas is-somma

ta' tlett mitt lira Maltija (Lm300) li hija sufficjenti ghax-xoghol li sar; u li l-pretensjoni ta' l-attur hija ecessiva.

Ra x-xhieda ta' l-attur Darren Farrugia u tal-konvenut Albert Farrugia.

Ra d-dokumenti esebieti.

Sema t-tratazzjoni da parti tad-difensur tal-attur.

Ra l-verbal ta' l-udjenza mizmuma fit-23 ta' Frar 2006 meta l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

Ikkunsidra

L-attur kien ghamel xoghol fuq inkarigu tal-konvenut u qed jippretendi hlas tas-somma ta' mitejn u hdax il-lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm211.32) bilanc tal-prezz tax-xoghol u materjal minnu esegwiet. Ix-xoghol kien relatat ma stalazzjoni ta' dawl u ilma.

L-unika zewg xhieda prodotti f'din il-kawza kienu z-zewg kontendenti.

Mill-atti jirrizulta li kien hemm ftehiem bejn il-kontendenti ghal xoghol ta' instalazzjoni ta' dawl u ilma f'fond tal-konvenut. Kif ta' spiss jigri f'dawn ic-cirkostanzi dan il-ftehiem ma sarx bil-miktub, u ghalkemm l-attur jghid li huma ftehmu fuq il-prezz ta' xogholu hu ma jghidx kemm kienu ftehmu. Il-konvenut minn naha l-ohra jghid li fuq prezz ma ftehmux.

Jirrizulta li l-konvenut kien lahaq hallas tlett mitt lira (Lm300) waqt li kien ghaddej ix-xoghol biex jaghmel tajjeb ghall-materjal li kien qed jinxtara mill-attur.

Meta tlesta x-xoghol l-attur hareg kont li fuqu kien ghad baqa bilanc ta' mitejn u hdax il-lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm211.32). F'dak l-istadju l-konvenut deherlu li l-kont kien ecessiv u mix-xhieda tal-konvenut stess jidher

li kien f'dak l-istadju ukoll li hu beda jippretendi li, apparti l-istallazjoni miftehma, l-attur igiblu d-dawl u l-ilma.

Il-konvenut pero naqas li jgib prova ta' l-allegazzjoni tieghu dwar il-fatt li l-prezz pretiz kien ecessiv, kif naqas li jgib prova ta' l-allegazzjoni li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha. Konsegwentement ma rrizulta xejn li seta jwassal biex it-Tribunal jiskarta t-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u hdax il-lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm211.32) b'l-imghaxx mid-data tas-sentenza u b'l-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------